**5 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Camilleri

**Liġi *ultra vires* - Konfiska - *Amusement Machines***

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhix kompetenti li tidħol fil-kwistjoni tal-validità o meno ta' liġi; tali kwistjoni għandha tinġieb quddiem il-Qorti Ċivili permezz ta' proċedura oħra.*

*L-artikolu 23 (2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każ ta' kontravvenzjonijiet il-konfiska ssir biss f'dawk il-każijiet*

*imsemmijin espressament fil-liġi. Fil-każ ta' reati rigwardanti* amusement machines; *liema reati huma ta' natura kontravvenzjonali* ai termini *ta' l-artikolu 318 tal-Kap. 10, ma hemm ebda disposizzjoni li tipprovdi għall-konfiska; lanqas hi applikabbli d-disposizzjoni ta' l-artikolu 344 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Michael Camilleri talli fil-ġimgħat qabel iċ-ċitazzjoni (li ġġib id-data tat-18 ta' April, 1997) u speċifikatament fil-11 ta' April, 1997 wara nofs in-nhar, bħala segretarju tal-Victoria Hotspurs Football Club, żamm jew ippermetta li tinżamm *amusement machine* fil-club imsemmi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tad-9 ta' Lulju, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Camilleri ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) u ordnat il-konfiska tal-magna esebita kif ukoll tal-flus (li kien fiha);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Michael Camilleri, minnu ppreżentat fis-16 ta' Lulju, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li r-regolamenti invokati mill-prosekuzzjoni permezz ta' l-imputazzjoni odjerna, ċjoè il-*Use of Amusement Machines (Restriction) Regulations, 1988* (A.L. 43/1988) huma *ultra vires*

il-liġi jew liġijiet prinċipali. L-appellant jikkontendi li la l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzji tal-Pulizija (Kap. 128) u lanqas l-artikolu 195 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10) ma kienu jagħtu lill-Ministru s-setgħa li jagħmel dawk ir-regolamenti. Dan l-aggravju, in kwantu qed jinġieb bħala aggravju f'rikors ta' appell quddiem din il-Qorti, ser jiġi respint. Din il-Qorti mhix kompetenti li *tidħol fil-kwistjoni tal-validità o meno ta'* liġi - u r-regolamenti in kwistjoni huma liġi (ara l-artikolu 124 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 249), tali kwistjoni kellha tinġieb quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti permezz ta' proċedura oħra. L-appellant la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti ma indika jew fisser li jrid jimpunja l-validità ta' dik il-liġi permezz tal-proċedura appożita - f'liema każ din il-Qorti kienet tissospendi l-proċeduri u tagħtih żmien *għal dana l-fini - iżda qed* jippretendi li tkun din il-Qorti stess li tiddikjara dik il-liġi bħal invalida għax *ultra vires*. Kif ingħad, din il-Qorti ma tistax tagħmel hekk. Dan mhux il-każ li qed jiġi allegat li r-regolamenti in kwistjoni ġew mibdula jew irrevokati jew għal xi raġuni oħra m'għadhomx fis-seħħ - ċirkostanzi li din il-Qorti hi kompetenti li tieħu konjizzjoni tagħhom u tippronunzja ruħha dwarhom. Din il-Qorti hi obbligata li tapplika l-liġi kif inhi;

It-tieni aggravju hu li ma jirriżultax ippruvat li l-magna in kwistjoni ma kinitx *Kiddie Ride Machine*, *juke box* jew *public Table Soccer table*, liema tliet tipi ta' magni, għalkemm jaqgħu taħt il-kappa ġenerali ta' *amusement machine*, ma jaqgħux taħt ir-restrizzjoni fin-numru imposta bir-regolament 4 ta' *l*-imsemmi Avviż Legali 43/1988. Mill-kumpless tal-provi, senjatament id-deposizzjoni ta' P.S. 1040 John Grima u mir-ritratti esebiti, din il-Qorti hi sodisfatta li l-magna in kwistjoni ma kinitx waħda minn dawk eżenti taħt l-imsemmi paragrafu 4;

L-appellant jilmenta ukoll dwar il-piena. Fuq dan il-punt l-appellant għandu raġun in parti biss. Ċertament ma hemm xejn

irregolari fl-ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (ara l-artikolu 13 (1) tal-Kodiċi Kriminali). Kwantu għall-konfiska, però, l-artikolu 23 (2) tal-Kap. 9 jipprovdi li fil-każ ta' kontravvenzjonijiet, il-konfiska ssir biss f'dawk il-każijiet imsemmijin espressament fil-liġi. Ma hemmx dubbju li r-reat in kwistjoni hu ta' natura kontravvenzjonali (artikolu 318, Kap. 10). Ma jidher li hemm ebda disposizzjoni li espressament tipprovdi għall-konfiska ta' tali *amusement machines*; anqas hi applikabbli d-disposizzjoni ta' l-artikolu 344 tal-Kap. 9;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-magna (*amusement machine*) in kwistjoni u l-flus li kien hemm ġo fiha (li kienu jammontaw għal tliet liri u sittin ċenteżmu (Lm3.60)), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.